



12.7.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett:

(ta' nazzjonalita' Ungeriża), dwar l-invażjoni tal-isfera privata tal-ħaddiema mill-kumpaniji multinazzjonali

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jipprotesta kontra l-prattika ta' kontrolli, minn kumpaniji multinazzjonali, tal-basktijiet tal-ħaddiema wara x-xogħol, is-sorveljanza bil-kamera waqt ix-xogħol u r-rekwiżit li wieħed jippreżenta CV meta japplika għal xogħol. Huwa jqis li dan hu ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jitlob lill-Parlament biex jieħu passi biex jirringa s-sitwazzjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-1 ta' Diċembru 2009. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 202(6).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għal tliet tipi ta' Prattika minn kumpaniji multinazzjonali bħal Jabil, Nokia u Sanmina, imwettqa fl-Ungerija: 1) kontrolli ta' kuljum tal-ħaddiema minn gwardji ta' sorveljanza (li spiss jinvolvu tfittxija fuq il-persuna) fil-binjiet ta' kumpaniji multinazzjonali, 2) l-obbligu li jiġi ppreżentat CV minn qabel meta tintbagħat applikazzjoni għal impjieg, u 3) sorveljanza offensiva bil-kamera fil-post tax-xogħol. Hu jindika li ma għandu l-ebda evidenza li ssaħħaħ l-allegazzjonijiet tiegħu, iżda jispjega li l-ħaddiema jridu jiffirmaw ftehim apparti li jikkonferma li mhux se jużaw telefon ċellulari jew kamera fil-post tax-xogħol. Hu jallega wkoll li jeżistu regoli li jistipulaw li l-imaġni u l-ħoss għal rekordings bit-tejp jew bil-vidjo ma jistgħux jiġu riprodotti b'mod offensiv, b'fastidju għal persuni

oħrajn, jew b'rekordings magħmulin kontra r-rieda tagħhom. F'każijiet ta' b'zonn estrem, u għal raġunijiet ġustifikati, kulħadd għandu d-dritt li jippreżenta rekording bħala evidenza.

Il-petizzjonant jikkunsidra li dawn il-kontrolli huma umiljanti, li l-obbligu li jippreżenta s-CV tiegħu minn qabel jirrappreżenta għbir illegali ta' data, u li l-projbizzjoni li juża telefon ċellulari b'kamera fil-post tax-xogħol tiegħu huma vjolazzjoni tad-drittijiet umani tiegħu. Jitlob li jitpoġġew fis-seħħ strumenti legali li jipproteġġu l-ħaddiema mill-prattiki msemmija aktar 'il fuq.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Id-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data (*Direttiva 95/46/KE*¹) tistipula l-qafas legali għall-ipproċessar tad-data personali fl-Istati Membri kollha. Jekk Stati Membri jkunu għadhom ma kkonformawx ma' dan l-obbligu ta' implimentazzjoni, iċ-ċittadini jkunu jistgħu jitolbu l-applikazzjoni diretta ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-każ Nru. C-465/00² iddeċidiet li ċerti dispożizzjonijiet bħall-Artikolu 6 (1) c) (prinċipji marbuta mal-kwalità tad-data: id-data għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni mal-għanijiet li għalih tkun miġbura u/jew ipproċessata aktar) u l-Artikolu 7 c) u e) (kriterji li jagħmlu l-ipproċessar tad-data leġittimu) għandu jkollhom effett dirett.

Id-Direttiva tapplika biss għal data personali fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE. L-Artikolu 2 jiddefinixxi "data personali" bħala kull informazzjoni marbuta mal-persuna naturali identifikata jew identifikabbli (suġġett tad-data). Persuna identifikabbli hi persuna li tista' tkun identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari permezz ta' referenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal wieħed jew aktar fatturi speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tiegħu.

Id-Direttiva 95/46/KE tistipula l-prinċipji li permezz tagħhom l-attività ta' ipproċessar għandha tikkonforma magħhom sabiex tkun legali. Tistabilixxi wkoll ċerti drittijiet għal dawk l-individwi li d-data personali tagħhom tiġi pproċessata, għall-iżgurar ta' konformità mad-dritt fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom. Il-prinċipji mħaddna fl-Artikolu 6 huma l-pedament għall-protezzjoni tad-data personali, peress li jikkonċernaw il-kwalità tad-data meta tkun ipproċessata: il-għbir u l-ipproċessar tad-data personali għandu jseħħ għal raġunijiet speċifiċi u espliċiti (prinċipju tal-limitazzjoni tal-għan), u d-data personali għandha tkun adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni mal-għanijiet li għalih tiġi miġbura u/jew ipproċessata aktar (prinċipju tal-proporzjonalità) u, fejn meħtieġ għandha tinżamm aġġornata (Artikolu 6). Id-data personali m'għandix tkun ipproċessata għal żmien aktar milli hu meħtieġ għall-għanijiet li għalihom d-data nġabret jew li għalihom ġiet ipproċessata aktar.

L-ipproċessar tad-data (Artikolu 7) hu meqjus bħala leġittimu biss jekk:

¹ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 1-24.10.1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data, ĠU L 281 tat-23.11.1995, p.31.

² ECJ C-465/00, C-138/01 u C-139/01, *Rechnungshof and Österreichischer Rundfunk*, 20.5.2003, punt 98ff.

- a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu mingħajr ambigwià, jew
- b) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konklużjoni ta' kuntratt li jorbot fuq is-suġġett tad-data, jew
- c) bħala strument legali, jew
- d) għall-protezzjoni ta' interessi vitali tas-suġġett tad-data, jew
- e) biex isir xogħol fl-interess pubbliku jew fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali, jew
- f) fl-interessi leġittimi ta' persuna naturali jew ġuridika, sakemm ma jeħdux preċedenza l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data.

Is-suġġett tad-data għandu d-dritt li jirċievi informazzjoni rigward, aċċess għal, u rettifika, tħassir jew imblukkar tad-data personali tiegħu, kif ukoll id-dritt għal kumpens effettiv għall-ipproċessar illegali tad-data tiegħu. Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti f'każ illi jkun meħtieġ li tkun protetta, pereżempju, iżda mhux biss, is-sigurtà u d-difiża nazzjonali, iżda ukoll għal raġunijiet ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali.

L-attivitajiet ta' ipproċessar huma issorveljati u kkontrollati minn awtoritajiet ta' superviżjoni pubbliċi indipendenti (Artikolu 28), li normalment jissejħu "awtoritajiet ta' protezzjoni tad-data", li huma awtoritajiet kompetenti li jimmonitorjaw il-konformità ta' kull proċessar ta' data personali fil-livell nazzjonali mal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplementa d-Direttiva.

Iż-żewġ kwistjonijiet iridu jiġu kkonfermati biex id-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE tkun applikabbli.

L-iktar kwistjoni importanti hi dik li tikkonċerna d-data pproċessata, u jekk din taqax taħt id-definizzjoni ta' "data personali" skont l-Artikolu 2a). Fir-rigward tat-tieni u t-tielet allegazzjoni tal-petizzjonant, id-data inkluża fis-CV u rrekordjata permezz tal-kameras ta' sorveljanza għandha titqies bħala data personali skont it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel allegazzjoni, it-tfittxija fiżika fuq il-persuna ma taqax fl-ambitu tad-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data.

It-tieni kwistjoni relevanti hi li jiġi ddeterminat min jipproċessa d-data personali. Dawn għandhom jikkonformaw ma' numru ta' obbligi, skont jekk jkunx hemm kontrollur tad-data jew inkella proċessur tad-data biss. Multinational companies such as Jabil, Nokia and Sanmina are legal persons which themselves determine the purpose and means of the processing of the personal data they collect, such as the data contained in CVs or the data collected by video surveillance. Kumpaniji multinazzjonali bħal Jabil, Nokia u Sanmina huma persuni legali li jiddeterminaw huma nfushom l-għan u l-mezzi għall-ipproċessar tad-data personali li jiġbru, bħad-data inkluża fis-CVs jew id-data miġbura mis-sorveljanza bil-kamera. Meta jagħmlu dan huma jitqiesu bħala kontrolluri tad-data skont id-Direttiva 95/46/KE, għalkemm huma jistgħu jiddelegaw/jew jagħtu sub-kuntratt għall-ipproċessar tad-data personali lil proċessuri li jwettqu dan ix-xogħol f'isimhom.

L-ewwel allegazzjoni: Kontrolli tal-ħaddiema minn gwardji tas-sigurtà (li spiss jinvolvu tfittxija fuq il-persuna)

Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda setgħat ġenerali biex tintervjeni f'każijiet individwali ta' allegazzjoni ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali. Tista' tagħmel dan biss jekk tqum kwistjoni li tinvolvi l-liġi tal-Unjoni Ewropea.

B'rabta mal-ilment tal-petizzjonant dwar il-kontrolli fuq il-ħaddiema minn gwardji tas-sigurtà f'impjanti ta' immuntar, għandu jkun nnutat li ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni speċifika tal-UE b'rabta ma' din il-kwistjoni. Għalhekk mhuwiex possibli għall-Kummissjoni li ssegwi l-ewwel allegazzjoni.

It-tieni allegazzjoni: ġbir illegali ta' data permezz ta' CV ta' ħaddiem potenzjali futur

Illum il-ġurnata impjegati f'kumpanija jintlewu wara li kandidati interessati u eliġibbli jgħaddu minn proċess ta' selezzjoni. Ġeneralment dan jinkludi stadju ta' pre-selezzjoni li jitwettaq fuq il-bażi tas-CVs li jintbagħtu minn qabel mill-kandidati interessati. L-ipproċessar tad-data inkluż fis-CV jaqa' fl-ambitu tad-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE u hu soġġett għall-prinċipji tal-leġittimità, neċessità u l-proporzjonalità (Artikolu 6 tad-Direttiva).

F'ħafna każijiet l-ipproċessar tad-data mressqa f'forma ta' CVs jista' jkun iġġustifikat bħala leġittimu għaliex dan:

- jitwettaq bil-kunsens tas-suġġett tad-data (Artikolu 7a) jew
- hu meħtieġ għat-tweqqif ta' kuntratt ta' impjegat bejn min iħaddem u l-ħaddiem (Artikolu 7b) jew
- ikun parti minn interess leġittimu wżat minn min iħaddem bil-għan li jkun jaf il-kwalifiki miksuba minn impjegati potenzjali futuri sabiex ikun jista' jqabbel il-pożizzjoni vakanti mal-aktar persuna adegwata bl-aħjar mod (Artikolu 7f).

L-ipproċessar ta' data personali miġbura mis-CVs għandha tkun proporzjonali mal-għanijiet leġittimi mfittxija u għandha toffri b'mod partikolari il-mezzi ta' ipproċessar tad-data l-anqas intrussivi. Sakemm jiddaħħlu fis-seħħ biżżejjed salvagwardji, dan it-tip ta' ipproċessar għar-raġunijiet dikjarati jitqies bħala konformi mad-Direttiva 95/46/KE. Dawn is-salvagwardji jistgħu jinkludu, pereżempju:

- l-infurmar tal-impjegati dwar l-identità tal-kontrollur tad-data u r-raġuni għas-sorveljanza u kull informazzjoni oħra meħtieġa li tiżgura l-ipproċessar ġust b'rispett tas-suġġett tad-data (Artikolu 11);
- l-infurmar tas-suġġett tad-data dwar id-dritt li jirrettifika id-data li tikkonċernah – u b'mod partikolari għall-kandidati li ma jirnexxux – id-dritt li din titħassar.

Is-sempliċi fatt li min iħaddem jitlob kopja minn qabel tas-CV ta' impjegat potenzjali ma tistax titqies bħala ġbir ta' data illegali kif allegat mill-petizzjonant.

It-tielet allegazzjoni: sorveljanza bil-kamera fil-post tax-xogħol

Is-sorveljanza bil-kamera taqa' fl-ambitu tad-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE. Il-prinċipji ta' protezzjoni tad-data, b'mod partikolari il-prinċipji ta' leġittimità, neċessità u proporzjonalità (Artikolu 6 tad-Direttiva) japplikaw għal kull tip ta' ipproċessar ta' data personali permezz ta' tagħmir ta' sorveljanza bil-kamera.

L-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma (WP29)¹ ħareġ żewġ opinjonijiet dwar is-sorveljanza bil-kamera fil-post tax-xogħol² li jagħtu gwida dwar kif għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data rigward is-sorveljanza bil-kamera. Skont dawn l-opinjonijiet, il-legalità tas-sorveljanza bil-kamera fil-post tax-xogħol tiddependi fuq bosta fatturi:

L-ewwel nett– l-għan għall-ipproċessar: is-sistemi ta' sorveljanza bil-kamera jistgħu jkunu ġustifikati jekk dawn jintużaw, soġġetti għal salvagwardji adegwati, biex jintlaħqu rekwiżiti ta' produzzjoni jew sigurtà fil-post tax-xogħol, jew għal raġunijiet ta' sigurtà. L-interessi differenti in kwistjoni għandhom jiġu kkunsidrati skont il-każ u skont l-isfond tal-kuntest speċifiku.

L-installazzjoni minn kumpaniji ta' sistemi ta' sorveljanza bil-kamera għal raġunijiet ta' rekwiżiti ta' sikurezza ta' produzzjoni jew għal raġunijiet ta' sigurtà (għall-prevenzjoni ta' serq ta' prodotti elettroniċi jew ta' riċerka teknoloġika) jistgħu jkunu leġittimi, sal-punt li jkun meħtieġ għall-interess leġittimu ta' dawn il-kumpaniji ("kontrollur tad-data") biex jiżguraw is-sigurtà tal-binjiet u l-prevenzjoni ta' serq ta' riċerka teknoloġika u sigrieti kummerċjali, u jekk dan l-interess ma jinqabiżx mill-interessi tal-impjegati (Artikolu 7f).

Jista' jkun ukoll li l-użu ta' sistemi ta' sorveljanza bil-kamera ikun iġġustifikat biex jiġi protett interess vitali tas-suġġett tad-data bħal pereżempju għal raġunijiet ta' sigurtà okkupazzjonali, jiġifieri: minn inċidenti waqt il-produzzjoni (Artikolu 7 d).

It-tieni nett, in-neċessità u l-proporzjonalità tal-ipproċessar: it-tħaddim ta' tagħmir għas-sorveljanza bil-kamera jeħtieġ li jkun proporzjonali mal-għanijiet leġittimi mfittxija u għandu jagħmel użu b'mod partikolari ta' mezzi ta' ipproċessar tad-data l-anqas intrussivi. L-interessi ta' min iħaddem fl-użu ta' tagħmir għas-sorveljanza bil-kamera għandu jiġi bbilanċjat skont l-interessi tal-impjegat biex id-data personali tiegħu tkun protetta. Dan jista' jitwettaq biss jekk jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji adegwati. Hu f'dan il-każ biss li s-sorveljanza bil-kamera tista' titqies bħala konformi mad-Direttiva 95/46/KE. Dawn is-salvagwardji jistgħu jinkludu, pereżempju:

- l-ebda installazzjoni ta' tagħmir ta' sorveljanza bil-kamera fil-kmamar tal-banju, showers, lockers u f'żoni ta' rikreazzjoni;
- informazzjoni lill-impjegati dwar l-identità tal-kontrollur tad-data u r-raġuni għas-sorveljanza u kull informazzjoni oħra meħtieġa li tiżgura l-ipproċessar ġust b'rispett tas-suġġett tad-data (Artikolu 11);

¹ Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' l-Individwi għar-rigward ta' l-Ipproċessar ta' Data Personali (WP29) twaqqaf permezz tal-Artikolu 29 tad-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Data 95/46/KE. Hu magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data. Jaġixxi b'mod indipendenti u jagħti pariri lill-Kummissjoni.

² Opinjoni 8/2001 (WP48) dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-impjiegi, Dokument ta' Ħidma tal-25 ta' Novembru 2002 (WP67) dwar l-ipproċessar ta' data personali permezz ta' sorveljanza bil-kameras u l-Opinjoni 4/2004 (WP89) dwar l-ipproċessar ta' data personali permezz ta' sorveljanza bil-kameras.

- limitu taż-żmien ta' żamma tal-vidjos;

- superviżjoni indipendenti mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data li huma kompetenti biex jimmonitorjaw il-konformità mal-liġi nazzjonali għall-protezzjoni tad-data li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE u li jipprovdu s-salvagwardji u r-rekwiżiti adegwati biex is-sistema tkun legali.

Fl-aħħar nett il-kontrollur tad-data għandu l-obbligu (Artikolu 11) li jinforma lill-persuni li jidħlu f'post issorveljat mill-kameras, li huma jinsabu taħt sorveljanza, b'mod viżibli, ċar u espliċitu . F'każ ta' tagħmir ta' sorveljanza bil-kameras mħaddem f'postijiet tax-xogħol, għandhom jiġu nfurmati wkoll r-rappreżentanti tal-ħaddiema.

Konklużjonijiet

Rigward l-ewwel allegazzjoni dwar il-kontrolli fuq il-ħaddiema b'mod partikolari ta' tfittxija fuq il-persuna, din il-kwistjoni tmur lil hinn mill-ambitu tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk ma tistax tiġi segwita mill-Kummissjoni.

Rigward l-allegazzjonijiet l-oħra, il-petizzjonant ma ressaq l-ebda evidenza li tistabilixxi li s-sussidjarji tal-multinazzjonali Jabil, Nokia u Sanmina kisru d-Direttiva 95/46/KE.

Il-petizzjonant hu mistieden li jindirizza kull allegazzjoni li jista' jkollu kontra dawn il-multinazzjonali b'rabta mal-ksur tad-drittijiet tiegħu għall-protezzjoni tad-data, lill-awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-data fl-Ungerija:

Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data tal-Ungerija

Nádor str. 22.

1051 Budapest

Tel: (+36 1) 475 7100, (+36 1) 475 7186

Fax: (+36 1) 269 3541

E-mail: adatved@obh.hu